DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar in-noninklużjoni tal-bifenthrin fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9196)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/887/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' din id-Direttiva Stat Membru jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li ma jinsabux fl-Anness I ta' din id-Direttiva u li jkunu diġà ilhom fis-suq sentejn wara n-notifika, fil-waqt li s-sustanzi jkunu qed jiġu investigati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 1490/2002 [3] jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan li possibbilment jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-bifenthrin.

(3) Għall-bifenthrin, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skont id-dispożizzjonijiet stipulati bir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 1490/2002 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-Regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri relaturi li għandhom iressqu r-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002. Rigward il-bifenthrin, l-Istat Membru relatur kien Franza u l-informazzjoni kollha rilevanti tressqet fil-15 ta' Diċembru 2005.

(4) Ir-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-EFSA fl-Evalwazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2008 fil-format tal-konklużjoni tal-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva bifenthrin [4]. Dan ir-rapport ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fit-12 ta' Marzu 2009 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-bifenthrin.

(5) Matul il-valutazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġie identifikat xi tħassib. Dan kien partikolarment minħabba li, skont id-dejta mdaħħla min-notifikant fiż-żmien stipulat mil-liġi ma kinitx possibbli evalwazzjoni tal-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art minn prodott prinċipali li jiddegrada l-ħamrija *(L-aċtu TFP)*. Barra minn hekk, ħareġ tħassib dwar nuqqas possibbli ta' valutazzjoni korretta tar-riskji għall-konsumaturi, minħabba n-numru limitat tad-dejta dwar ir-residwi li huma disponibbli u minħabba n-nuqqas ta' investigazzjoni dwar il-mudell ta' metabolismu taż-żewġ isomeri li jikkostitwixxu l-bifenthrin. Fir-rigward tal-ekotossikoloġija, ir-riskju għall-vertebrati akkwatiċi ma weriex li jiġġenera użi aċċettabbli, u sadattant għad hemm l-inċertezza dwar l-effetti mġarrba tal-bijoakkumulazzjoni tas-sustanza attiva fil-ħut. Barra minn hekk, ġew identifikati riskji kbar għall-mammali (riskju fuq medda twila ta' żmien u avvelenament sekondarju), għall-ħniex tal-art (riskju fuq medda twiela ta' żmien) u artropodi barra mill-mira (fil-post), filwaqt li r-riskju għall-pjanti u għall-makroorganiżmi tal-ħamrija barra mill-mira għadu ma ġiex indirizzat biżżejjed. Konsegwentement, ma kienx possibbli li tintlaħaq konklużjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien legalment stipulat, li l-bifenthrin laħaq il-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares* u dwar jekk kienx biħsiebu jkompli jappoġġa s-sustanza jew le. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew studjati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa min-notifikant, it-tħassib identifikat baqa' ma ġiex solvut, u l-valutazzjonijiet li kienu msejsa fuq it-tagħrif ippreżentat u vvalutat matul il-laqgħat ta' esperti tal-EFSA ma wrewx li, fil-kundizzjonijiet proposti ta' użu, il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-bifenthrin ikunu jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
[3] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
[4] Ir-Rapport Xjentifiku tal-EFSA(2008) 186. Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni dwar ir-riskju marbut mal-pestiċidi tas-sustanza attiva bifenthrin, konkluż fit-30 ta' Settembru 2008.

(7) Għalhekk, il-bifenthrin ma għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(8) Għandhom jittieħdu l-miżuri li jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-bifenthrin jiġu rtirati f'perjodu ta' żmien preskritt u ma jiġġeddux, u li ma jingħatawx awtorizzazzjonijiet ġodda għal dan it-tip ta' prodotti.

(9) Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-bifenthrin, għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar biex jippermetti li l-ħażniet eżistenti jkunu użati fi staġun ieħor tat-tkabbir, li jiżgura li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-bifenthrin jistgħu jibqgħu jinkisbu mill-bdiewa sa 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċizjoni.

(10) Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-bifenthrin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, li r-regoli ta' implimentazzjoni ddettaljati tagħha tniżżlu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [1] fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

(11) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali ma tax opinjoni dwar il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu u l-Kummissjoni b'hekk bagħtet proposta lill-Kunsill relatata ma' dawn il-miżuri. Peress li, mal-iskadenza tal-perjodu stipulat fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, il-Kunsill la kien adotta l-miżuri proposti u lanqas ma indika li hu kontrihom, dawn għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Bifenthrin mhux se jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-bifenthrin se jiġu irtirati sat-30 ta' Mejju 2010;

(b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-bifenthrin ma tingħata jew tiġi mġedda mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2011.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.